MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2010

Talba Numru. 179/2010

**Mobisle Communications Limited (C-24655)**
**vs**
**Adrian Scicluna (K.I. 351482M)**

**It-Tribunal**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet hlas ta’ disa’ mija sitta u tmenin ewro w sitta u erbghin centezmi (€986.46) rapprezentanti bilanc ta’ prezz dovut mill-istess konvenut lis-socjeta’ attrici skond *Client Contract Number* 1027303 in rigward ghal servizi lilu rezi mis-socjeta’ attrici u dana bejn is-sena 2007 u s-sena 2009.

Bl-ispejjez, inkluzi tal-ittra ufficjali tat-31 ta’ Ottubru, dawk tal-mandat ta’ sekwestru pprezentat kontestwalment ma dana l-att, u bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa’ ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notfikat.

Ra li l-konvenut naqas li jidher ghas-seduta tal-lum.

Illi gie pprezentat kapitolu quddiem it-Tribunal fis-seduta tal-14 ta’ Gunju, 2010 mill-Prokuratur Legali Peter Paul Sammut..

It-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova il-kaz tiegh quddiem dan it-Tribunal.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------